# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**
**[Spettur John Spiteri]**

**vs**

**Josef D'Amato**

**Kumpilazzjoni Numru:311/18**

**Illum, 11 ta' Novembru, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Josef D'Amato detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 219494M akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer bejn il-15 ta' Mejju 2018 u is-17 ta' Mejju 2018, pubblikament, xewwex persuna/persuni ohra sabiex jaghmel reat.

   Art 69 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi pubblikament, xewwex lill-persuna/persuni ohra sabiex jikser il-ligi.
   Art 70 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bl-istess apparat.
   Art 49 ta' Kap 399 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli ndikati u cioe' l-Artikoli 69, 70 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu u dan anke wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni wara li l-imputat nghata zmien opportun sabiex jahsibha.

Stante ammissjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat Josef D'Amato hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum u kif ukoll multa ta' tliet mitt ewro (€300).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Josef D'Amato l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**